# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET TAL-MALTI
# LIVELL 7 - IS-SEBA' SENA
# KOMPETENZI EWLENIN (CCP)



| It-taħdit fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura | |
|---|---|
| 1 | Nagħmel talbiet xierqa biex ninqeda għall-bżonnijiet bażiċi tiegħi ta' kuljum billi nuża l-forom sempliċi tat-taħdit differenti f'sitwazzjonijiet familjari u formali, *bħal meta* nagħmel *talbiet lil tal-familja u lil nies oħrajn.* |
| 2 | Inwassal messaġġ sempliċi bil-fomm bla ma nħalli xejn essenzjali barra minnu. |
| 3 | Inwieġeb mistoqsijiet biex nuri li fhimt dak li smajt kemm minn testi fattwali kif ukoll dawk letterarji u nitkellem dwarhom. |
| 4 | Nuża kliem sempliċi u dirett biex nagħti istruzzjonijiet u direzzjonijiet ħfief u ċari marbutin mal-ħajja u l-esperjenzi tiegħi fl-ambjenti li nkun fihom, fosthom id-dar u l-klassi. |
| 5 | Nuża espressjonijiet ta' tislim, kemm bil-fomm kif ukoll bil-ġesti, fil-ħajja tiegħi ta' kuljum u fil-waqtiet u l-kuntesti addattati skont l-udjenza li jkolli. |
| 6. | Nitkellem fuqi nnifsi, fuq il-familja tiegħi u l-ambjent li ngħix fih u fuq kif jitqassam iż-żmien fi snin, staġuni, xhur, jiem u l-ħin tal-ġurnata. |
| 7 | Bl-għajnuna tal-għalliema, nagħmel żidiet u tibdiliet żgħar skont il-gosti tiegħi f'testi letterarji mismugħa bħal kanzunetti, taqbiliet, stejjer, poeżiji, ħrejjef u l-bqija. |
| 8 | Nieħu sehem f'diskussjonijiet fi gruppi żgħar, bl-għajnuna tal-għalliema, fejn nesprimi l-fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, skont il-firxa tal-vokabularju tal-età tiegħi u b'intonazzjoni tajba fejn meħtieġ. |
| 9 | Nisma' l-fehmiet tal-oħrajn filwaqt li nistenna u meta jmissni nagħti tiegħi. |
| 10 | Nikkontrolla l-volum ta' leħni skont il-kuntest, il-post u s-sitwazzjoni li nkun fihom. |

| Is-smigħ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura | |
|---|---|
| 1 | Nifhem stqarrijiet differenti, kemm fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv, li jkun fihom raġuni jew opinjoni *bħal Jien immur l-iskola kuljum biex niltaqa' ma' sħabi, Jien ma nħobbx niekol il-ħelu għax mhux tajjeb għas-saħħa.* |
| 2 | Naqbad u nifhem xi punti speċifiċi / dettalji meta xi ħadd jitkellem miegħi jew ma' oħrajn fi djalogu jew diskursata qasira. |
| 3 | Nifhem meta nisma' ċajta, djalogu, storja u l-bqija, u nirreaġixxi fost l-oħrajn bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti għalih/a. |
| 4 | Nifhem istruzzjonijiet sempliċi fl-istruttura u fil-vokabularju li jagħtini xi ħadd fil-ħajja tiegħi ta' kuljum, fosthom bl-Imperattiv fil-pożittiv u n-negattiv *bħal Kul għal qalbek, Taqsamx it-triq.* |
| 5 | Nifhem avviż/i sempliċi mogħtija bil-fomm u marbuta mal-ħajja tiegħi u madwari li jinkludu d-data, il-ħin u xi dettalji ħfief oħra, bħal *Nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru se mmorru ħarġa ma' tal-iskola. Nitilqu fid-disgħa...* |
| 6 | Nifhem direzzjonijiet sempliċi li nisma' fil-ħajja tiegħi u madwari fost l-oħrajn kif tasal minn post għal ieħor fl-istess binja jew xi mkien viċin il-post fejn toqgħod, bħal *Itla' fuq u dur fuq il-lemin, Itla' fl-ewwel sular u idħol fil-kamra tax-xellug.* |
| 7 | Nisma' u nifhem reklam qasir u sempliċi dwar oġġett/post marbut mal-ħajja tiegħi u l-ambjent ta' madwari *bħal reklam ta' ġugarell, kompjuter jew post tad-divertiment.* |
| 8 | Nisma' rakkont qasir u nuri x'fhimt bil-fomm, jew bil-ġesti. |
| 9 | Nisma' u nsegwi kanzunetti / poeżiji / taqbiliet / tidwir l-ilsien u nuri x'fhimt bil-fomm jew bil-ġesti. |
| 10 | Nisma' u nsegwi reċta qasira u nuri x'fhimt bil-fomm jew bil-ġesti. |
| 11 | Nifhem mistoqsijiet sempliċi li jsiruli u nweġibhom bil-fomm jew bil-kitba. |

| **Il-qari fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura** | |
|---|---|
| 1 | Naqra l-kliem li qatt ma nkun iltqajt miegħu qabel billi ngħaqqad ħoss ma' ieħor, ngħaqqad u naqsam f'sillabi jew inxebbah il-forma tiegħu ma' ta' kliem ieħor li jixbhu. |
| 2 | Naqra bis-sens u b'kunfidenza f'qalbi, waħdi, fis-skiet, għall-gost u nibda nieħu l-qari bħala drawwa. |
| 3 | Naqra test quddiem ħaddieħor bħal ngħidu aħna waqt laqgħa fi gruppi, *fil-klassi u f'attività għall-istudenti.* |
| 4 | Naf naqra u nifhem il-kliem l-aktar popolari *bħall-ġranet tal-ġimgħa, ix-xhur, l-istaġuni, il-kuluri, l-annimali, l-elementi tad-dinja...* |
| 5 | Nagħraf is-suġġett/i  ewlieni/n ta' test  billi nislet il-kliem jew is-sentenzi l-aktar importanti. |
| 6 | Nislet minn dak li nkun qrajt it-tagħrif li nkun neħtieġ  bħal meta naqra istruzzjonijiet jew direzzjonijiet li jkun hemm fi ktieb ta' riċetti jew manwal tal-logħob. |
| 7 | Inqis ruħi bħala qarrej/ja u bl-għajnuna tal-għalliem/a nagħraf nagħżel kotba li jaqblu mal-livell tal-qari tiegħi. |
| 8 | Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura *bħal l-ittri kapitali, is-sing, il-punt, il-virgola, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti.* |

| Il-kitba fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura | |
|---|---|
| 1 | Nikteb u nifforma sentenzi sempliċi  jew paragrafu fuq suġġetti li jien midħla tagħhom. |
| 2 | Bl-għajnuna tal-għalliem/a tiegħi, ngħaqqad sentenzi sempliċi f'paragrafu. |
| 3 | Nagħti bil-kitba d-dettalji personali tiegħi. |
| 4 | Bl-għajnuna tal-għalliem/a tiegħi naf insib mudelli tajbin ta’ kitbiet ħfief biex intejjeb kitbieti u nsaħħaħ u nkattar il-vokabularju skont l-għanijiet tiegħi. |
| 5 | Nikteb kepxins taħt ritratti u stampi fuq nies u ħwejjeġ li nara madwari. |
| 6 | Nikteb messaġġi qosra ta' madwar 30 kelma f'kartolini li nkun se nibgħat lil nies li nħobb. |
| 7 | Inkompli u nimla l-vojt f'taqbiliet sempliċi ta’ strofa waħda jew tnejn fuq suġġetti li jinteressawni bħall-ambjent ta' madwari u fuq l-ħlejjaq li nħobb u l-affarijiet li nħobb nagħmel. |
| 8 | Nikteb mistoqsijiet ħfief u sempliċi li bihom nikseb tagħrif li nkun neħtieġ bħal ngħidu aħna f'intervista, telefonata u l-bqija. |